**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charmaine Grima**

Numru: 84/2010

Illum 8 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Charmain Grima,** ta' tletin (30) sena, bint Godfrey Zammit u Antonia nee' Grima, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Mejju 1980, residenti fil-fond numru 20, Triq Ferdinando Falzon, Zurrieq, Malta u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 10580(G), akkuzata talli fix-xahar ta' Awwissu 2010, gewwa Ghawdex u gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. talli bil-hsieb li taghmel delitt uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi bil-hsieb li testorci flus jew

xi haga ohra, jew li taghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li ggieghel lil Anthony Azzopardi u persuni ohra jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb, obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddet li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil Anthony Azzopardi u persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha (Art. 41, Art. 250(1) tal-Kap 9.);

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Artikolu 250 jipprovdi:

***250.*** *(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorci flus jew xi ħaga oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jgiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaga, jhedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.*

*(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa tliet snin.*

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-Prosekuzzjoni u l-parti civili qablu li l-Qorti tikkunsidra fid-decizjoni taghha li tapplika xi wahda mill-mizuri li jipprovdi Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jkun hemm Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-Parte Civile u l-qraba tieghu.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Charmaine Grima hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Inoltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna wkoll Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tliet (3) snin mil-lum fil-konfront ta' Anthony Azzopardi u l-qraba kollha tieghu.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-esebiti kollha f'dan il-kaz.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**